



Brussell, 25 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

7327/25

SOC 147  
EMPL 98  
SAN 106

**NOTA PUNT "I/A"**

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol Ħatra tas-Sa Janneke FABER, membru għan-Netherlands, minflok is-Sa Tanja WESSELIUS, li rriżenjet

1. Is-Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill għie infurmat bir-riżenja tas-Sa Tanja WESSELIUS, bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija msemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għan-Netherlands).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94<sup>1</sup>, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

<sup>1</sup> ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tan-Netherlands innomina lis-Sa Janneke FABER għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.
4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
  - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), kif tinsab fid-dokument 7328/25, u
  - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.